**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 23 t' April, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Hubert Gerada)**

**vs**

**Arimiyao Malik**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Arimiyao Malik ta' 26 sena, bin Arimau u Abiba, nazzjonalita Togo, imwieled fis-7 ta' Dicembru, 1992, residenti Italja u detentur tal-Karta tal-Identita Taljana bin-numru AX0659339

U akkuzat talli fit-22 t' Marzu, 2019 u fil-jiem ta' qabel f' dawn il-gzejjer jew bnadi ohra ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f' dokumenti jew kellu fil-pussess tieghu xi dokumenti li huwa kien jaf li gew iffalsifikati, mbiddla jew sar xi tibdil fihom u cioe kellu fil-pussess taghhom Passaport Taljan bin-numru MD9559939 u permess tar-residenza Taljana bin-numru I10953753

Akkuzat ukoll talli matul l-istess, zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija.

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument mehtieg ghal-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni li jkun falsifikat.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata waqt l-udjenza tat-23 t' April, 2019, ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissieu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali kwazi nadifa, kif ukoll il-fatt tal-gravita tar-reati li taghhom qed jinstab hati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 189 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur